



Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2019/2063(DEC)

21.1.2020

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea
għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima IX – Il-Kontrollur Ewropew għall-
Protezzjoni tad-Data
(2019/2063(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Roberta Metsola

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza r-rwol importanti tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ("KEPD"), jiġifieri li jiżgura l-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza tal-individwi, billi jissorvelja l-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, billi jagħtihom pariri dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-ipproċessar tad-data personali u billi jikkoopera mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-protezzjoni konsistenti tad-drittijiet ta' privatezza tal-individwi irrispettivament minn fejn jgħixu fl-Unjoni;
2. Ifakk li l-KEPD muwiex aġenzija tal-Unjoni deċentralizzata u hu tal-fehma li anke jekk il-baġit tiegħu jirrappreżenta perċentwal żgħir ħafna tal-baġit tal-Unjoni, il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet tal-KEPD għandhom madankollu jiġu eżaminati kif xieraq mill-Qorti tal-Audituri ("il-Qorti"), peress li t-trasparenza hija vitali għall-funzjonament xieraq tal-korpi kollha tal-Unjoni; jinnota li l-KEPD la huwa kopert mir-rapport tal-Qorti dwar l-implementazzjoni tal-Baġit tal-Unjoni għall-2018 u lanqas mir-rapport tal-2018 dwar l-aġenzi tal-Unjoni u korpi oħra; jenfasizza, madankollu, li l-informazzjoni dwar ir-riżultati ta' awditjar estern indipendenti mill-Qorti għandha tkun disponibbli pubblikament għall-korpi kollha tal-Unjoni; jistieden, għalhekk, lill-Qorti tikkunsidra mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha u tibda tippubblika r-rapporti tal-awditjar li jkopru lill-KEPD mis-sena li ġejja; jitlob, għalhekk, li l-Qorti toħroġ rapporti tal-attività annwali separati dwar il-kontijiet annwali ta' dan il-korp importanti tal-Unjoni, li għandu l-għan li jiżgura li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jirispettaw bis-sħiħ id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data;
3. Jilqa' r-rapport annwali ppubblikat mill-KEPD fi Frar 2019; japprezza t-tagħrif sinifikanti mogħti fih dwar l-attivitàajiet kollha tal-KEPD fl-2018; jenfasizza b'mod partikolari l-kooperazzjoni tiegħu mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data;
4. Jieħu nota tal-fatt li, skont ir-rapport tal-attività annwali tal-KEPD, il-Qorti eżaminat tranżazzjoni waħda mis-sena finanzjarja 2018 u dan l-eżami ma wassal għal ebda osservazzjoni;
5. Jirrikonoxxi li r-rapport tal-KEPD dwar l-implementazzjoni tas-Sistema ta' Kontroll Intern tiegħu juri li l-livell ta' kontroll intern huwa sodisfaċenti u effettiv; jinnota li din il-valutazzjoni la ġiet ikkонтestata mis-Servizz tal-Auditjar Intern tal-Kummissjoni u lanqas mill-Qorti;
6. Jieħu nota tas-segwitu tar-riżoluzzjoni tal-PE dwar il-kwittanza tal-baġit 2017; jinnota li l-KEPD indirizza l-kwistjonijiet ta' ritaljazzjoni u żvelar ta' informazzjoni protetta fil-kodiċi ta' kondotta tiegħu għall-persunal u wera l-impenn tiegħu biex iqajjem kuxjenza dwar din il-kwistjoni fost il-persunal tiegħu; jilqa' x-xejra pożittiva lejn bilanċ bejn issessi;

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI
OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	13.1.2020	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	52 4 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Konstantinos Arvanitis, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Nicolas Bay, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Saskia Bricmont, Damien Carême, Caterina Chinnici, Tudor Ciuhodaru, Clare Daly, Lena Düpont, Cornelia Ernst, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Assita Kanko, Fabienne Keller, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Roberta Metsola, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Kostas Papadakis, Nicola Procaccini, Emil Radev, Paulo Rangel, Terry Reintke, Ralf Seekatz, Michal Šimečka, Birgit Sippel, Sylwia Spurek, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Tom Vandendriessche, Bettina Vollath, Ann Widdecombe, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Damian Boeselager, Patrick Breyer, Delara Burkhardt, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Beata Kempa, Ondřej Kovařík, Kris Peeters, Robert Roos, Miguel Urbán Crespo, Loránt Vincze, Petar Vitanov, Axel Voss, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský	
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Lukas Mandl	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

52	+
PPE	Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Lena Düpont, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Roberta Metsola, Kris Peeters, Emil Radev, Paulo Rangel, Ralf Seekatz, Loránt Vincze, Axel Voss, Maria Walsh, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
S&D	Pietro Bartolo, Delara Burkhardt, Caterina Chinnici, Tudor Ciuhodaru, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Birgit Sippel, Sylwia Spurek, Petar Vitanov, Bettina Vollath, Elena Yoncheva
RENEW	Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Ondřej Kovařík, Maite Pagazaurtundúa, Michal Šimečka, Ramona Strugariu
VERTS/ALE	Damian Boeselager, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Terry Reintke, Tineke Strik
ECR	Lucia Ďuriš Nicholsonová, Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Nicola Procaccini, Robert Roos
GUE/NGL	Konstantinos Arvanitis, Clare Daly, Cornelia Ernst, Miguel Urbán Crespo

4	-
ID	Nicolas Bay, Tom Vandendriessche
NI	Kostas Papadakis, Ann Widdecombe

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni